

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Baġits

5.10.2006

PE 378.843v01-00

EMENDI 1-33

Abbozz ta' rapport

(PE 378.811v02-00)

Louis Grech

L-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 - Taqsimiet oħra

Proposta għal rizzoluzzjoni (C6-0300/2006 – 2006/2018(BUD))

Emenda mressqa minn Ingeborg Gräßle

Emenda 1
Paragrafu 1

1. Jaqbel mal-Kunsill li d-dixxiplina baġitarja u d-dħul mill-produttività għandhom jikkostitwixxu prinċipji essenzjali għall-istituzzjonijiet kollha; ***jikkunsidra li, jekk għandu jitnaqqas in-numru tal-persunal, it-tnaqqis għandu jsir proporzjonalment fl-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra kollha, inklużi aġenziji diċentralizzati; jikkundsra, madankollu, li l-iktar bżonn għal azzjoni immedjata jeżisti fil-Kummissjoni, għaliex l-miżuri neċessarji ta' ristrutturar għadhom ma tteħdux bis-serjetà biżżejjed f'dik l-istituzzjoni u hu hemm li teżisti l-ikbar kapaċità (16 827 persunal fl-1 ta' Awwissu 2006);***

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 2
Paragrafu 7

7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-istituzzjonijiet adottaw in-nomenklatura l-għdida li gābet il-preżentazzjoni tad-dokumenti baġitarji aktar jinftehm u aktar trasparenti

AM\633680MT.doc

PE 378.843v01-00

għaċ-ċittadin *imma jikkunsidra li dan jista' jitjieb iktar*;

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 3
Paragrafu 15

15. Jirrakkomanda *forom oħra ta'* koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet li bla dubju se *joħolqu* sinerġija u se *jikkontribwixxu* għal tiftid finanzjarju u effiċjenza akbar, filwaqt li *jkunu* qed *jgħinu* liċ-ċittadini jifhmu aħjar l-irwol ta' l-UE fl-attività tagħhom ta' kuljum;

Or. de

Emenda mressqa minn Louis Grech

Emenda 4
Paragrafu 17

17. Jitlob lill-*Bureau* biex fis-snin li ġejjin *jindirizza* mill-ġdid il-limitu ta' 20% li *impona fuqu nnifsu* ta' l-Intestatura 5, filwaqt li *jqis* l-iżvilupp u l-ħtiġijiet konsegwenzjali tal-Parlament għall-2009 u lil hemm;

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 5
Paragrafu 21

21. Jerġa' jafferma l-politika tiegħu li l-Parlament Ewropew għandu jkompli l-isforzi tiegħu biex jiżviluppa strateġija effettiva u faċli għal min jużaha bl-oġettiv prinċipali ta' titjib tar-relazzjoni bejn l-istituzzjoni u ċ-ċittadin Ewropew; *jikkunsidra li dan jista' jinkiseb biss meta jiġi stabbilit kunċett globali u koerenti ta' informazzjoni u komunikazzjoni maċ-ċittadini; jirrikjedi mill-Amministrazzjoni li tippreżenta rapport dwar din il-kwistjoni sa l-aħħar ta' Marzu 2007 u tanalizza l-valur miżjud ta' kull għodda ta' informazzjoni disponibbli għall-Membri u għall-PE;*

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 6

Paragrafu 21 a (ġdid)

21a. Jiddeċiedi li jimmodifika n-nomenklatura u joħloq żewġ linji ġodda tal-baġit għaċ-Ċentru tal-Viżitaturi u t-TV Web sabiex jiġu promossi t-trasparenza finanzjarja u l-obbligu ta' rendikont.

Or. de

Emenda mressqa minn Louis Grech

Emenda 7

Paragrafu 22

22. Jinnota l-proposti tal-Bureau biex jirrilaxxa EUR 6 700 000 mir-riżerva għall-politika ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni ddestinati għat-TV Web; iddeċieda li jżomm kif inhuma l-EUR 6 700 000 allokati mill-Bureau għat-TV Web **fil-Kapitolu 104 ("Riżerva għal Informazzjoni u komunikazzjoni")**, kif ukoll il-ħames postijiet tax-xogħol relatati mal-proġett, sakemm il-prototip ikun ippreżentat lill-awtorità baġitarja għad-deċiżjoni finali tagħha;

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 8

Paragrafu 22

22. Jinnota l-proposti tal-Bureau biex jirrilaxxa EUR 6.7 mir-riżerva għall-politika ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni ddestinati għat-TV Web; iddeċieda li jżomm kif inhuma l-EUR 6.7 **miljun** allokati mill-Bureau għat-TV Web fir-riżerva, kif ukoll il-ħames postijiet tax-xogħol relatati mal-proġett, sakemm il-prototip, **il-kontenut u l-ispiża tal-proġett inklużi l-istrutturi u l-livell ta' parteċipazzjoni tal-gruppi politiċi fid-definizzjoni tal-kontenuti tal-programmi jkunu ppreżentati** lill-awtorità baġitarja għad-deċiżjoni finali tagħha;

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 9

Paragrafu 24

24. Itenni t-talba li għamel fil-paragrafu 37 tar-risoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 għal azzjoni immedjata biex tkun riżolta l-kwistjoni sensittiva rigward: l-infiq ta' EUR 5 miljuni inqas mill-ammont allokat marbut mal-programm tal-viżitaturi; jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-bureau li jadotta l-proposta tal-Kwesturi għal-reviżjoni tar-regoli għall-gruppi tal-viżitaturi sabiex jizjed l-ammont disponibbli biex ikopri l-ispejjeż u biex iżid in-numru ta' viżitaturi kull Membru għal 100; japprezza wkoll il-fatt li l-binja D4, fejn hu allokat iċ-Ċentru tal-Viżitaturi, ġie mġhoddi għas-sid il-ġdid kmieni; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jinforma lill-awtorità baġitarja dwar l-impatt ta' l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda u l-effiċjenza tas-sistema ***sa l-aħħar ta' Marzu 2007***;

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 10

Paragrafu 24 a (ġdid)

- 24a. Jissottolinja li r-riċeviment ta' gruppi ta' viżitaturi għandu jsir fl-aqwa kundizzjonijiet; jirrikjedi, għalhekk, lill-Amministrazzjoni biex tippreżenta rapport sa l-aħħar ta' Marzu 2007 dwar il-faċilitajiet offerti lill-gruppi ta' viżitaturi, l-aċċess tagħhom għaċ-Ċentru tal-Viżitaturi, iż-żjara fil-Plenarja, id-disponibilità ta' kmamar għal-laqgħat kif ukoll proposti għad-dedikazzjoni ta' spazju għall-gruppi politiċi; jirrikjedi li r-rapport jippreżenta wkoll evalwazzjoni dettaljata tal-bżonnijiet fil-persunal għall-iffunzjonar taċ-Ċentru tal-Viżitaturi l-ġdid;***

Or. de

Emenda mressqa minn Louis Grech

Emenda 11

Paragrafu 26

26. Iddeċieda li jaqbel mal-proposti tal-Bureau li ġejjin rigward diversi approprjazzjonijiet:
- li jkun allokat ammont żejjed ta' EUR 2 700 000 għall-programm tal-viżitaturi,
 - li jkunu allokat EUR 6 800 000 għal attrezzament tal-post fjen hemm iċ-Ċentru tal-Viżitaturi ***trasferiti minn EUR 2 600 000 mill-Kapitolu 104 ("Riżerva ta'***

Informazzjoni u komunikazzjoni") u EUR 4 200 000 mill-Kapitolu 101 ("Riżerva ta' kontinġenza"),

- ***li fil-Kapitolu 104 ("Riżerva għall-politika ta' informazzjoni u komunikazzjoni") jinżamm ammont ta' EUR 15 700 000 għat-tagħmir awdjoviżiv tal-bini D5,***

Or. de

Emenda mressqa minn Louis Grech

Emenda 12
Paragrafu 26 a (ġdid)

26a. Iddeċieda li jikkonferma d-deċiżjoni meħuda mill-Bureau dwar l-inizjattiva "Agora taç-Ċittadini" għal perjodu ta' prova; jistaqsi lill-Bureau biex ikun infurmat dwar il-kunsiderazzjoni ta' l-ispiża u l-kontenut ta' din l-inizjattiva qabel ma jimplementa dan il-proġett;

Or. de

Emenda mressqa minn Louis Grech

Emenda 13
Paragrafu 27

27. Jikkonferma d-deċiżjoni li tiddaħħal allokkazzjoni ta' EUR 48 miljun għan-nefqa rrelatata mat-tkabbir (ir-Rumanija u l-Bulgarija) fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

- 1. spejjeż għall-persunal relatat mal-Membri l-ġodda (35 Rumeni u 18-il Bulgaru); persunal (*tħassir*) (226 post tax-xogħol permanenti u 22 post temporanju għal gruppi politiċi);**

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 14
Paragrafu 27

- 27. Jikkonferma d-deċiżjoni li tiddaħħal allokkazzjoni ta' EUR 48 miljun għan-nefqa rrelatata mat-tkabbir (ir-Rumanija u l-Bulgarija) fir-rigward ta' dawn li ġejjin:**
 - 2. spejjeż għall-persunal relatat mal-Membri l-ġodda (35 Rumeni u 18-il Bulgaru);**

3. persunal addizzjonali (*il-113 li jifdal minn* 226 post tax-xogħol permanenti u 22 post temporanju għal gruppi politiċi);
4. tekniċi ta' l-interpretazzjoni u l-konferenzi;
5. tagħmir u għamara
6. spiża tat-tħaddim;
7. ifffinanzjar ta' l-informazzjoni u statutorju tal-gruppi u l-partiti politiċi;

Or. de

Emenda mressqa minn Louis Grech

Emenda 15
Paragrafu 30

30. Jinnota li, wara l-ittra ta' emenda tal-Bureau, il-livell ta' postijiet ġodda mitluba, qabel il-miżura ta' riorganizzazzjoni, ammonta għas-somma ta' EUR **6 062 347** li tikkorrispondi ma' 106 post tax-xogħol;

Or. de

Emenda mressqa minn Ralf Walter

Emenda 16
Paragrafu 38 a (ġdid)

- 38a. *Jappoġġja l-isforzi biex ikun provdut taħriġ vokazzjonali għaż-żgħażaġh; jistieden lill-amministrazzjonijiet, għalhekk, sakemm ikun possibbli li jagħtu kuntratti, bħala prijorità, lin-negozji li jipprovdu postijiet ta' taħriġ, u jistieden lis-Segretarju-Ġenerali biex iressaq rapport annwali dwar dan;***

Or. de

Emenda mressqa minn Louis Grech

Emenda 17
Paragrafu 40

40. Jinnota li l-Bureau, fl-Ittra ta' Emenda tiegħu tas-7 ta' Settembru 2006, ippropona li jdaħħal fir-riżerva għall-binjiet is-somma addizzjonali ta' EUR 19-il miljun minbarra l-ammont ta' EUR 50 miljun mitlub fl-estimi tal-Parlament; wara li evalwa l-pjan ta' investment fil-propjeta' għall-2007, iqis li f'dan l-istadju l-ammont ta' EUR 19-il

miljun m'huwiex xi ħtieġa realistika; iddeċieda li jibqa' jżomm l-ammont ta' EUR 50 miljun fir-riżerva għal approprjazzjonijiet proviżorji għal binjiet biex ikun kopert l-investiment ta' l-istituzzjoni fil-propjeta **Kapitolu 105 ("Approprjazzjoni proviżorji ta' bini")**;

Or. de

Emenda mressqa minn Ingeborg Gräßle

Emenda 18
Paragrafu 41a (ġdid)

41a. Jistieden lis-Segretarjat tal-Parlament biex jadotta pożizzjoni ċara, preċiża u mhux ambigwa dwar min hu responsabbli għal EUR 30 sa 60 miljun ħlasijiet żejda ta' kiri lill-belt ta' Strasburg u biex joħroġ konklużjonijiet minn dan dwar ir-responsabilità;

Or. de

Emenda mressqa minn Ingeborg Gräßle

Emenda 19
Paragrafu 41 b (ġdid)

41b. Jiddeplora l-kundizzjonijiet diffiċli li fihom huma mitluba li jaħdmu l-Membri fil-bini ta' Strasburg u jstieden lis-Segretarjat tal-Parlament biex jippreżenta rapport dwar kemm jista' jkun hemm iktar spazju għall-uffiċċji disponibbli għall-Membri billi jitħalla biss jivjaġġa għas-seduta plenarja fi Strasfurgu l-persunal mil-Lussemburgu u minn Brussell li l-preżenza tiegħi hi assolutament neċessarja hemmhekk; jinnota li għaddew xi snin mindu din il-kwistjoni ġiet revista l-aħħar u jħeġġeġ biex ir-rapport il-ġdid ikun jinkludi informazzjoni Prattika dwar l-isparju għall-uffiċċji li jista' jsir disponibbli għall-Membri bħala riżultat ta' din il-bidla fin-numru ta' persunal mibgħut fuq missjoni;

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 20
Paragrafu 42

42. Jinnota li l-approprjazzjonijiet li għandhom ikunu allokatu għal-linja li għadha kif ġiet

maħluqa fil-baġit ta' l-2006 għal Uffiċċji ta' l-Informazzjoni (l-Artikolu 325) għadhom ma ġewx attivati ***u jistieden lill-Amministrazzjoni biex tispjega r-raġunijiet sa mhux iktar tard mill-aħħar ta' Marzu 2007;***

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 21
Paragrafu 44

44. Jagħmilha ċara ħafna li hu se japprova għal kollox il ġbir ta' xi fondi li ma jkunux ġew uttilizzati fil-limiti ta' l-20% ta' l-Intestatura 5 – permezz ta' baġits ta' emenda - fil-każ li l-Parlament jiġi b'zonn spejjeż kapital addizzjonali għal inġenju li ma jkunx previst b'mod speċjali dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-akkwist ta' bini ġdid essenzjali; ***jissottolinja li l-Amministrazzjoni għandha tistabbilixxi politika tal-bini iktar dinamika u ttipprova informazzjoni dwar ir-rekwiżiti finanzjarji li jiġu mix-xiri ta' proprjetà u l-ispejjeż relatati, sabiex ikun permess ibbaġitar fuq il-livell ta' b'zonnijiet baġitarji attwali;***

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 22
Paragrafu 44 a (ġdid)

- 44a. ***Ifakkar lill-Amministrazzjoni fit-talba li jitħejja rapport li jeżamina jekk ikunx fattibbli li titwaqqas Awtorità Europea għall-Bini mgħobbija bir-responsabilità għall-bini u l-manutenzjoni ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE (kwittanza 2004: Taqsima I - Parlament Ewropew, P6_TA-PROV(2006)0363, paragrafu 20) u jħeġġeġ biex dan ir-rapport jiġi preżentat lill-Kumitat għall-Baġit;***

Or. de

Emenda mressqa minn Gérard Onestà

Emenda 23
Paragrafu 46

46. Iqis li l-Parlament ***kemm jista' jkun malajr*** għandu jqiegħed fil-prattika l-istandards ***għall-Immaniġġjar Ambjentali u Skemi ta' Verifika*** fl-uffiċċji u bini ieħor tal-Parlament; ***itenni li l-Parlament diġà saħaq fuq politika biex jinaqqsu l-ispejjeż ta'***

L-enerġija, eż. billi tiġi applikata politika ta' "no ties", billi jitnaqqsu l-ispejjeż ta' l-ikkundizzjonar ta' l-arja fis-sajf.

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 24
Paragrafu 47

47. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-isforzi ta' l-awtoritajiet Belġjani rigward is-sigurtà madwar il-Parlament; hu tal-fehma li l-ispiża tas-sigurtà ġewwa l-Parlament qed issir eċċessiva u ddeċieda li jdaħħal 10% ta' l-appropriazzjoni fil-Kapitolu 100 ("Appropriazzjoni proviżorja"); huwa lest li jirrilaxxa l-appropriazzjoni meta jingħata rapport li jevalwa l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizz ipprovdut imqabbla ma' l-ispiża u r-riskji assoċjati fit-tliet postijiet tax-xogħol ***u fid-Djar ta' l-Ewropa;***

Or. de

Emenda mressqa minn Jens-Peter Bonde

Emenda 25
Paragrafu 55 a (ġdid)

- 55a. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex ma jħallasx l-allowances għall-ivvjaġġar li jkunu jaqbżu spejjeż fattwali jew tariffi minimi ppubblikati;***

Or. de

Emenda mressqa minn Louis Grech

Emenda 26
Paragrafu 58 a (ġdid)

Mixxellanji

- 58a. Jinnota l-intenzjoni tal-Bureau li jwaqqaf Parlament Ewro-Latin Amerikan***

(EUROLAT); se jikkunsidra din il-kwistjoni meta titressaq l-informazzjoni neċessarja kollha inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji.

Or. de

Emenda mressqa minn Jan Mulder

Emenda 27
Paragrafu 69

69. Hu tal-fehma li l-ħolqien tas-servizz amministrattiv konġunt kien ta' ġid għaż-żewġ kumitati (***tħassir***); jinkoraġġixxi liż-żewġ kumitati li jġeddu l-ftehma tas-sħubija tagħhom qabel l-aħħar tas-sena ***u/jew li jesploraw forom iktar effiċjenti ta' kooperazzjoni.***

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 28
Paragrafu 70

70. Hu tal-fehma li l-ħolqien tas-servizz amministrattiv konġunt kien ta' ġid għaż-żewġ kumitati (***tħassir***); jinkoraġġixxi liż-żewġ kumitati li jġeddu l-ftehma tas-sħubija tagħhom qabel l-aħħar tas-sena ***u/jew li jesploraw forom oħra ta' kooperazzjoni interistituzzjonali;***

Or. de

Emenda mressqa minn Wojciech Roszkowski

Emenda 29
Paragrafu 70

70. Hu tal-fehma li l-ħolqien tas-servizz amministrattiv konġunt kien ta' ġid għaż-żewġ kumitati (***tħassir***); jinkoraġġixxi liż-żewġ kumitati li jġeddu l-ftehma tas-sħubija tagħhom qabel l-aħħar tas-sena.

Or. de

Emenda mressqa minn Jan Mulder

Emenda 30
Paragrafu 70 a (ġdid)

70a. *Jinnota li l-Kumitat tar-Reġjuni kkummissjona żewġ evalwazzjonijiet esterni indipendenti tas-Servizzi Konġunti, mis-Sur Joan COLOM i NAVAL u s-Sur Robert REYNDERS, u jistieden lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat għar-Reġjuni biex iressaq dawn ir-rapporti lill-Kumitat għall-Baġit tal-Parlament Ewropew.*

Or. de

Emenda mressqa minn Ville Itälä

Emenda 31
Paragrafu 76

76. Jaqbel mal-Kunsill dwar it-talba għal promozzjonijiet relatati mar-Regolamenti għall-Persunal il-ġodda u wkoll dwar it-talba biex Kap ta' Unità wieħed/waħda jkun promoss għall-post ta' Direttur għas-servizz konġunt bil-kundizzjoni li dan mhux se jwassal għall-ħtieġa ta' aktar persunal ***u li se jiggarrantixxi tmexxija iktar ugwali bejn l-KESE u l-Kumitat tar-Reġjuni għas-servizzi konġunti tagħhom;***

Or. de

Emenda mressqa minn Jan Mulder

Emenda 32
Paragrafu 76

76. Jaqbel mal-Kunsill dwar it-talba għal promozzjonijiet relatati mar-Regolamenti l-ġodda u wkoll dwar it-talba biex Kap ta' Unità wieħed/waħda ***tal-Kumitat tar-Reġjuni*** jkun promoss għall-post ta' Direttur għas-servizz konġunt bil-kundizzjoni li dan mhux se jwassal għall-ħtieġa ta' aktar ***u li se jiggarrantixxi tmexxija iktar ugwali bejn l-KESE u l-Kumitat tar-Reġjuni għas-servizzi konġunti tagħhom;***

Or. de

Emenda mressqa minn Wojciech Roszkowski

Emenda 33

Paragrafu 77

77. Jaqbel mal-Kunsill dwar it-talba għal promozzjonijiet relatati mar-Regolamenti għall-Istaff il-ġodda u wkoll dwar it-talba biex Kap ta' Unità wieħed/waħda jkun promoss għall-post ta' Direttur għas-servizz konġunt bil-kundizzjoni li dan mhux se jwassal għall-ħtieġa ta' aktar (*tħassir*);

Or. de